MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 82/2008

**The General Soft Drinks Co Limited**

**Vs**

**Jesmond Sant (ID Nru: 17766 m)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sebgha telef tnejn u hamsin ewros u tmienja u tmenin centezmi (Ewros 7,052.88 / Lm3,027.80), prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu u dan skond ma jidher fir-rendikont hawn anness u markat Dok "A".

Bl-imghaxijiet mit-2 ta' Novembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-26 ta' Frar 2009 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------